MALTA

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**MAĠISTRAT DR. NADIA H. VELLA**
**B.A., LL.D., Dip. Trib. Eccl. Melit.,**

Seduta ta' nhar il-25 ta' Ottubru 2024

**Il-Pulizija**

**(Spettur Warren Galea)**

**vs.**

**Alfred Attard**

detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru 43970M

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' **Alfred Attard**, ta' 53 sena, iben Paul u Helen neé Testa, imwieled il-Pietà nhar l-14 ta' Jannar 1970, residenti 285, Micallef & Vella, Flat 7, Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 43970M;

akkużat talli nhar id-29 ta' Diċembru 2023 għall-ħabta ta' 09:45hrs ġewwa Triq il-Port Ruman, San Pawl il-Baħar:

1. Għamel lil James Camilleri u lil Ruben-Joseph Briffa nġurji u/jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-kodiċi kriminali

jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

2. Volontarjament kiser il-paċi pubblika u/jew il-bon ordni b'għajjat u /jew ġlied;

3. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' James Camilleri f'periklu ċar, volontarjament ikkaġunalu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, liema ħsara hija ta' natura ħafifa, hekk kif iċċertifikat Dr. Daniela Bonello;

Rat l-Artikolu 339 (1)(e), l-Artikolu 338(dd) u l-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u cioe ir-rapport tal-Pulizija relattiv[1], l-affidavit ta' PC943 J. Scerri[2], ċertifikat mediku fuq il-persuna ta' James Camilleri[3], affidavit maħluf mit-tabiba Dottor Daniela Bonello[4];

Semgħet ix-xiehda ta' Ruben-Joseph Briffa[5], ta' James Camilleri[6], u tal-imputat Alfred Attard[7];

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Mhuwiex ikkontestat illi bejn il-partijiet kien hemm kwistjoni ta' natura ċivili rigwardanti tpartit ta' mutur u vann, u t-trasferiment tal-imsemmi mutur.

Il-partijiet peró jagħtu verżjonijiet kunfliġġenti ta' kif ġara l-inċident mertu ta' din il-kawża. Camilleri u Briffa jallegaw illi Attard aggredihom meta kienu fil-vann tagħhom, quddiem ir-residenza ta' Camilleri. Jixhdu li beda jagħti bis-sieq fuq il-karozza u li ħadilhom iċ-ċavetta tal-vann min-naħa fejn kien hemm Briffa. Imbagħad dar lejn in-

[1] Immarkat Dok. WG 2, Datat id-29 ta' Diċembru 2023, bir-referenza 11/POL/7563/2023, fol. 10 tal-proċess;
[2] Immarkat Dok. WG1, fol. 2 tal-proċess;
[3] Immarkat Dok. WG3, Redatt minn Dr. Daniela Bonello, fol. 14 tal-proċess;
[4] Immarkat Dok. WG5, fol. 17 tal-proċess;
[5] Minnu mogħtija nhar it-13 ta' Mejju 2024, fol. 18 tal-proċess;
[6] Minnu mogħtija nhar it-13 ta' Mejju 2024, fol. 31 tal-proċess;
[7] Minnu mogħtija nhar it-13 ta' Mejju 2024, fol. 42 tal-proċess;

naħa l-oħra, fejn fetaħ il-bieba tan-naħa tal-passiġġier u beda jagħti lil Camilleri bil-ponn, sakemm Briffa sab l-okkażjoni biex isuq minn fuq il-post.

Attard jixhed li huwa kellimhom bil-kelma t-tajba, rigward ir-rifużjoni tal-prezz tal-prezz tal-vann, fejn Camilleri beda joffendih u Briffa qabad u saq għal fuqu, bil-vann jgħaddi minn fuq saqajh.

Kif ġie ritenut mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Joseph Thorne[8], *"mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l-Qorti, f'każ ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi u tasal għall-konklużjoni tagħha."*

Hemm żewġ indizji prinċipali li jindikaw li l-verżjoni tal-partijiet leżi għandha iktar mis-sewwa u dawna 1. Il-fatt li l-inċident seħħ fi Triq il-Port Ruman, sewwasew it-triq fejn jirrisjedi Camilleri, u għaldaqstant jirriżulta ampjament ċar li l-imputat li jirrisjedi f'raħal ieħor mar ifittex hu lil Camilleri sabiex jikkonfrontah, 2. Iċ-ċertifikat mediku fuq il-persuna ta' Briffa fejn irriżulta li dan kellu grif u tbenġil fuq in-naħa ta' fuq ta' idu x-xellugija, li tikkombaċa eżattament mal-verżjoni tiegħu fejn indika li huwa qala' daqqiet fuq in-naħa tax-xellug meta kien bil-qiegħda fil-karozza fin-naħa tal-passiġġier.

Inoltre Attard ma pproduċa ebda ċertifikat mediku sabiex jissostanzja l-allegazzjoni li huma saqu minn fuq siequ bil-vann.

Il-Qorti tosserva li ż-żewġ naħat irrikorrew minn rajhom ġewwa l-Għassa tal-Pulizija u mhux fuq talba tal-Pulizija, bid-differenza li Attard wasal qabel peress li t-tnejn l-oħra ħassew ruħhom fi stat ta' xokk u qabel ma rrikorrew ġewwa l-Għassa, għaddew jieħdu kafé.

Il- Qorti f'dan l-istadju qiegħda tagħmel referenza għas-sentenza Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt, deċiża fl-1 ta' Diċembru, 1994, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali tenniet: *"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa lı tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l- akkuzat."*

[8] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, mill-Imħallef Joseph Galea Debono;

Filfatt, fil-fehma tal-Qorti, hemm silta waħda biss mill-verżjoni ta' Briffa u Camilleri li l-Qorti ssib inverosimili u cioe li Attard dam isawwat lil Camilleri għal madwar għaxar minuti. Kieku dan l-ammont kellu mill-verità, il-feriti kkawżati fuq il-persuna ta' Camilleri kienu jkun ferm iktar gravi. Din l-inverosimilità hija tali li titfa' dubju fil-moħħ tal-ġudikant li jwassal għal-liberazzjoni tal-imputat? Fil-każ odjern, le. Il-Qorti qiegħda temmen il-verżjoni ta' Camilleri u Briffa, għajr għad-durata tal-akkadut li l-Qorti tqis huwa ferm esaġerat.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l- l-Artikolu 339(1)(e), l-Artikolu 338(dd) u l-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat **ħati** tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum u dana ai termini tal-Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-ħati fi kliem ċar u sempliċi, kemm ir-responsabilità tiegħu u wkoll x'jiġri jekk hu jikkommetti reat ieħor matul il-perjodu ta' sentejn.

**Dr. Nadia H. Vella**
Maġistrat

**Naomi Bonello**
Deputat Reġistratur